SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla)

6 ta' Settembru 2015 *

"Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-klorat tas-sodju fiż-ŻEE — Deċiżjoni ta' emenda li tnaqqas it-tul ikkonstatat tal-parteċipazzjoni fl-akkordju — Kalkolu tal-ammont tal-multa — Preskrizzjoni — Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003"

Fil-Kawża T-250/12,

Corporación Empresarial de Materiales de Construcción, SA, li kienet Uralita, SA, stabbilita f'Madrid (Spanja), irrappreżentata minn K. Struckmann, avukat, u G. Forwood, barrister,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, inizjalment irrappreżentata minn N. von Lingen, R. Sauer u J. Bourke, sussegwentement minn M. Sauer u J. Norris-Usher, bħala aġenti,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett talba għal annullament tal-Artikolu 1(2) u tal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2012) 1965 finali, tas-27 ta' Marzu 2012, li temenda d-Deċiżjoni C (2008) 2626 finali, tal-11 ta' Ġunju 2008, dwar proċediment skont l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/38.695 – Klorat tas-sodju),

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla),

komposta minn M. E. Martins Ribeiro, President, S. Gervasoni u L. Madise (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: C. Kristensen, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-7 ta' Novembru 2014,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Ir-rikorrenti, Corporación Empresarial de Materiales de Construcción, SA, li kienet Uralita, SA, hija kumpannija b'responsabbiltà limitata stabbilita taħt id-dritt Spanjol. Fl-1992, hija kkostitwiet Aragonesas Industrias y Energía, SA. Sal-1994, hija kellha 100 % tal-ishma tal-imsemmija kumpannija b'responsabbiltà limitata. F'Diċembru 1994, hija ttrasferiet l-attivitajiet kimiċi kollha ta' din il-kumpannija b'responsabbiltà limitata lil kumpannija holding, li ssemmiet Energía y Industrias Aragonesas EIA, SA (iktar 'il quddiem "EIA"), li hija kienet ħolqot minn qabel. Fl-2003, wara operazzjoni ta' amalgamazzjoni, hija akkwistat EIA u reġa' kellha 100 % tal-ishma tal-istess kumpannija b'responsabbiltà limitata. Fit-2 ta' Ġunju 2005, hija biegħet il-kumpannija b'responsabbiltà limitata inkwistjoni lil Ercros Industrial, SAU (iktar 'il quddiem "Ercros"), li saret Aragonesas Industrias y Energía, SAU (iktar 'il quddiem "Aragonesas").

2 Fit-28 ta' Marzu 2003, rappreżentanti ta' EKA Chemicals AB (iktar 'il quddiem "EKA"), kumpannija stabbilita fl-Isvezja, ippreżentaw talba għal immunità minn multi jew, fin-nuqqas ta' dan, tnaqqis ta' multi, skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-immunità minn multi u tnaqqis f'multi f'każijiet ta' kartell [akkordji] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 155, iktar 'il quddiem il-"Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni tal-2002") dwar l-eżistenza ta' akkordju fl-industrija tal-klorat tas-sodju.

3 Fit-30 ta' Settembru 2003, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej adottat deċiżjoni li tagħti lil EKA immunità kundizzjonali, konformement mal-Artikolu 15 tal-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni tal-2002.

4 Fl-10 ta' Settembru 2004, il-Kummissjoni talbet informazzjoni, konformement mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implementazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101 TFUE] u [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205), mingħand bosta kumpanniji u b'mod partikolari mingħand Aragonesas. Fit-3 u fid-9 ta' Diċembru 2004, Aragonesas wieġbet dawn it-talbiet għal informazzjoni.

5 Bejn it-13 ta' Novembru 2006 u l-11 ta' April 2008, il-Kummissjoni talbet informazzjoni, konformement mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament Nru 1/2003, mingħand bosta kumpanniji u b'mod partikolari mingħand Aragonesas fit-13 ta' Novembru 2006, fit-8 ta' Frar 2007, fit-12 ta' Marzu 2007 u fil-11 ta' April 2008 kif ukoll mingħand ir-rikorrenti fit-8 ta' Frar 2007, fl-20 ta' April 2007 u fil-11 ta' April 2008.

6 Fis-27 ta' Lulju 2007, il-Kummissjoni adottat dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet li d-destinatarji tagħha kienu, b'mod partikolari Aragonesas u r-rikorrenti. Fit-terminu mogħti, dawn tal-aħħar ikkomunikaw l-osservazzjonijiet tagħhom lill-Kummissjoni dwar din.

7 Fl-20 ta' Novembru 2007, ir-rikorrenti eżerċitat id-dritt tagħha li tinstema' oralment mill-Kummissjoni.

8 Fil-11 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C (2008) 2626 finali, dwar proċedura skont l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/38.695 – Klorat tas-sodju) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni tal-2008"). F'din id-deċiżjoni, hija qieset li Aragonesas kienet ipparteċipat fil-prattiki antikompetittivi inkwistjoni bejn is-16 ta' Diċembru 1996 u d-9 ta' Frar 2000.

9 L-ewwel nett, fir-rigward tar-rikorrenti, il-Kummissjoni essenzjalment qieset, fil-premessi 416 sa 426 u 455 sa 468 tad-deċiżjoni tal-2008, li r-rikorrenti kienet eżerċitat direttament, iżda wkoll indirettament, permezz tal-intermedjarju tal-EIA, influwenza determinanti fuq l-orjentament strateġiku u l-politika kummerċjali globali ta' Aragonesas. It-tieni nett, il-Kummissjoni kkonkludiet li, fir-rigward, minn

naħa, tal-preżunzjoni skont liema l-EIA teżerċita influwenza determinanti fuq Aragonesas peress li hija kellha t-totalità tal-kapital tagħha fil-mument tal-ksur u, min-naħa l-oħra, tal-fatturi l-oħra msemmija fid-deċiżjoni tal-2008, EIA kienet, minn tal-inqas, effettivament eżerċitat influwenza determinanti fuq l-aġir ta' Aragonesas, hekk li, bħala entità li tagħmel parti, ma' Aragonesas, minn l-impriża li wettqet il-ksur, EIA kienet responsabbli tal-aġir li jikkostitwixxi ksur tal-imsemmija impriża. Għalhekk, sa fejn EIA kienet ġiet akkwistata fl-2003 mir-rikorrenti u sa fejn din tal-aħħar kienet saret is-suċċessur tagħha, fid-dritt u fuq il-pjan ekonomiku, il-Kummissjoni tqis li, f'din l-istess okkażjoni, ir-responsabbiltà ta' EIA, fir-rigward tal-aġir li jikkostitwixxi ksur tal-impriża inkwistjoni, kienet ġiet ittrasferita lir-rikorrenti.

10 Għalhekk, fil-premessi 469 u 487 sa 489 tad-deċiżjoni tal-2008, il-Kummissjoni żammet lil Aragonesas u lir-rikorrenti responsabbli flimkien u *in solidum* tal-ksur imwettaq mill-ewwel waħda bejn is-16 ta' Diċembru 1996 u d-9 ta' Frar 2000.

11 Il-Kummissjoni għalhekk iddeċidiet, fl-Artikolu 1(g) u (h) tad-deċiżjoni tal-2008, li, rispettivament, Aragonesas u r-rikorrenti kienu kisru l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE billi pparteċipaw, mis-16 ta' Diċembru 1996 sad-9 ta' Frar 2000, f'numru ta' ftehim u prattiki miftiehma.

12 Fl-Artikolu 2(f) tad-deċiżjoni tal-2008, il-Kummissjoni imponiet multa, għal ammont ta' EUR 9 900 000, flimkien u *in solidum* fuq Aragonesas u fuq ir-rikorrenti.

13 Fl-Artikolu 4 tad-deċiżjoni tal-2008, il-Kummissjoni elenkat id-destinatarji tal-imsemmija deċiżjoni, fejn fosthom jinsabu Aragonesas u r-rikorrenti.

14 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-26 ta' Awwissu 2008, Aragonesas ippreżentat rikors għal annullament kontra d-deċiżjoni 2008, sa fejn din kienet tirrigwardaha. Dan ir-rikors ġie rreġistrat bin-numru tal-Kawża T-348/08. Essenzjalment, Aragonesas tikkontesta li kienet ipparteċipat fil-prattiki antikompetittivi inkwistjoni bejn is-16 ta' Diċembru 1996 u d-9 ta' Frar 2000 u, għalhekk, l-ammont totali tal-multa li kienet ġiet imposta fuqha.

15 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-26 ta' Awwissu 2008, ir-rikorrenti ppreżentat kawża għal annullament tad-deċiżjoni tal-2008, sa fejn din kienet tirrigwardaha. Dan ir-rikors ġie rreġistrat bin-numru tal-Kawża T-349/08. Essenzjalment, ir-rikorrenti tikkontesta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tattribwilha l-aġir li jikkostitwixxi ksur ta' Aragonesas u li timponi fuqha multa flimkien u *in solidum* ma' din tal-aħħar.

16 Fis-16 ta' Settembru 2008, ir-rikorrenti ħallset, provviżorjament, l-ammont tal-multa li kienet ġiet imposta fuqha, flimkien u *in solidum* ma' Aragonesas, fid-deċiżjoni tal-2008.

17 Permezz tas-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2011, Aragonesas Industrias y Energía vs Il-Kummissjoni (T-348/08, Ġabra, iktar 'il quddiem is-"sentenza Aragonesas", EU:T:2011:621), il-Qorti Ġenerali ddikjarat u ddeċidiet dan li ġej:

"1) L-Artikolu 1(g) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 2626 finali, tal-11 ta' Ġunju 2008, dwar proċedura skont l-Artikolu [101 TFUE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/38.695 – Klorat tas-sodju), huwa annullat sa fejn il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej ikkonstatat ksur fih, min-naħa ta' [Aragonesas], għall-perijodi inklużi, minn naħa, bejn is-16 ta' Diċembru 1996 u s-27 ta' Jannar 1998 u, min-naħa l-oħra, bejn l-1 ta' Jannar 1999 u d-9 ta' Frar 2000.

2) L-Artikolu 2(f) tad-Deċiżjoni C (2008) 2626 finali huwa annullat sa fejn jiffissa l-ammont tal-multa għal EUR 9 900 000.

3) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

[...]"

18 Fil-punt 247 tas-sentenza Aragonesas, punt 17 iktar 'il fuq (EU:T:2011:621), il-Qorti Ġenerali ddeċidiet "[tilqa'] l-ewwel parti tal-ewwel motiv bħala parzjalment fondata, peress li l-Kummissjoni [kienet] wettqet żball meta kkonkludiet, fid-deċiżjoni [tal-2008], li [Aragonesas] kienet ipparteċipat fil-ksur inkwistjoni, minn naħa, bejn is-16 ta' Diċembru 1996 u s-27 ta' Jannar 1998 u, min-naħa l-oħra, bejn l-1 ta' Jannar 1999 u d-9 ta' Frar 2000".

19 Fil-punt 258 tas-sentenza Aragonesas, punt 17 iktar 'il fuq (EU:T:2011:621), il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fid-dawl tal-konklużjonijiet ibbażati fuq il-punt 247 tal-imsemmija sentenza, "[tilqa' t-tieni parti tat-tieni motiv] bħala fondata, peress li l-Kummissjoni wettqet żball ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-kalkolu tat-tul tal-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-ksur".

20 Fil-punt 302 tas-sentenza Aragonesas, punt 17 iktar 'il fuq (EU:T:2011:621), il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fir-rigward tat-tieni motiv, li kien hemm lok "[li jintlaqa' parzjalment it-tieni motiv], peress li t-tul tal-ksur imwettaq mir-rikorrenti, kif sostnut mill-Kummissjoni għall-finijiet tal-kalkolu tal-multa li imponiet fuqha, [kien] żbaljat".

21 Fil-punt 303 tas-sentenza Aragonesas, punt 17 iktar 'il fuq (EU:T:2011:621), il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li kien hemm lok li "t-talba għal annullament tad-deċiżjoni [tal-2008] [...] tintlaqa' parzjalment sa fejn, minn naħa, il-Kummissjoni kkonkludiet fiha, fl-Artikolu 1 tagħha, il-parteċipazzjoni ta' [Aragonesas] fil-ksur bejn is-16 ta' Diċembru 1996 u s-27 ta' Jannar 1998 u bejn l-1 ta' Jannar 1999 u d-9 ta' Frar 2000 u, min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni ffissat fiha, fl-Artikolu 2 tagħha, l-ammont tal-multa għal EUR 9 900 000".

22 Fl-aħħar nett, fil-punt 307 tas-sentenza Aragonesas, punt 17 iktar 'il fuq (EU:T:2011:621), il-Qorti Ġenerali b'mod partikolari fakkret li l-Kummissjoni kienet obbligata tislet il-konsegwenzi mill-konklużjonijiet ibbażati fuq il-punt 303 tal-imsemmija sentenza.

23 Permezz tas-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2011, Uralita vs Il-Kummissjoni (T-349/08, iktar 'il quddiem is-"sentenza Uralita", EU:T:2011:622), il-Qorti Ġenerali ċaħdet kompletament ir-rikors tar-rikorrenti bħala infondat.

24 Permezz tal-ittra tal-5 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni informat lir-rikorrenti u lil Aragonesas dwar il-konsegwenzi li hija riedet tislet mis-sentenza Aragonesas, punt 17 iktar 'il fuq (EU:T:2011:621). Għal dan il-għan, fir-rigward ta' Aragonesas, hija tindika li hija trid tipproponi lill-kulleġġ tal-kummissarji sabiex jimponi fuqha multa ta' ammont ġdid, konformement mal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, fir-rigward tal-perijodu tal-ksur ikkonfermat fis-sentenza Aragonesas, punt 17 iktar 'il fuq (EU:T:2011:621). Fir-rigward tar-rikorrenti, hija tindika li, minkejja l-fatt li, fis-sentenza Uralita, punt 23 iktar 'il fuq (EU:T:2011:622), il-Qorti Ġenerali kienet ċaħdet ir-rikors kompletament, hekk li l-multa li kienet imposta fuqha fid-deċiżjoni tal-2008 kienet inżammet għal dak li jirrigwardaha, hija riedet tipproponi lill-kulleġġ tal-kummissarji, minn naħa, sabiex jemenda it-tul tal-ksur li fih hija ppartecipat, biex dan jaqbel ma' dak miżmum kontra Aragonesas u, min-naħa l-oħra, konsekuttivament, sabiex inaqqas l-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti flimkien u *in solidum* ma' Aragonesas. Fl-istess żmien tal-ittra tal-5 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni indirizzat rispettivament lir-rikorrenti u lil Aragonesas talba għal informazzjoni sabiex tiffinalizza l-proposta tagħha għal kulleġġ tal-kummissarji.

25 Permezz tal-ittra tad-19 ta' Diċembru 2011, bħala risposta għall-ittra tal-5 ta' Diċembru 2011, Aragonesas u r-rikorrenti indikaw lill-Kummissjoni li, minkejja l-fatt li huma ma jaqblux mal-opinjoni tagħha għal dak li jirrigwarda l-konsegwenzi li kellhom jiġu misluta, fir-rigward tat-tieni, mis-sentenza Aragonesas, punt 17 iktar 'il fuq (EU:T:2011:621), huma kienu, sabiex jiksbu rimbors ta' mill-inqas parti mill-ammont tal-multa li kienet ġiet imposta fuqhom flimkien u *in solidum* fid-deċiżjoni tal-2008, irrispondew għat-talba ta' informazzjoni. Huma jispeċifikaw li l-imsemmija ittra ma kellhiex impatt fuq is-sitwazzjoni legali tagħhom.

26 Permezz tal-ittra tat-23 ta' Jannar 2012, l-ewwel nett, ir-rikorrenti informat lill-Kummissjoni li, insegwitu għall-amalgamazzjoni tagħha ma' Ercros, Aragonesas ma kinitx teżisti iktar mill-31 ta' Mejju 2010. It-tieni nett, hija tindika li, minkejja li Aragonesas kienet baqgħet responsabbli flimkien u *in solidum* għall-ksur inkwistjoni, għall-perijodu li ma kienx annullat mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza Aragonesas, punt 17 iktar 'il fuq (EU:T:2011:621), konformement mal-ftehim tax-xiri ta' azzjonijiet li hija kienet iffirmat ma' Ercros, hija biss kienet ekonomikament responsabbli għall-ħlas ta' kull multa li kienet ser tiġi imposta skont deċiżjoni ta' emenda li tiġi eżattament wara l-imsemmija sentenza kif ukoll is-sentenza Uralita, punt 23 iktar 'il fuq (EU:T:2011:622). Fl-imsemmija ittra, hija b'mod partikolari tindika dan li ġej:

"[…] Uralita tirrikonoxxi għalhekk mingħajr ebda riżerva r-responsabbiltà tagħha fir-rigward tal-ksur għall-perijodu ta' bejn it-28 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 1998, fil-kuntest tal-proċedura stabbilita mill-Kummissjoni fil-Każ 38.695 – Klorat tas-sodju.

Fid-dawl ta' dak li ntqal preċedentement u b'teħid inkunsiderazzjoni tal-interess tagħha sabiex deċiżjoni ta' emenda tiġi adottata u sabiex il-multa mħallsa provviżorjament tiġi rrimborsata lilha malajr kemm jista' jkun, Uralita taqbel mal-fatt li […] hija biss ser tkun meqjusa responsabbli għall-ħlas ta' kull multa ffissata f'tali deċiżjoni għall-perijodu tal-ksur stabbilit fis-sentenza [Aragonesas, punt 17 iktar 'il fuq (EU:T:2011:621)], jiġifieri l-perijodu ta' bejn it-28 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 1998, u […] li kull deċiżjoni ta' emenda tkun tista' tiġi indirizzata esklużivament lilha, mingħajr ma jkun hemm bżonn ta' att proċedurali ieħor barra l-ittra tal-5 ta' Diċembru 2011 li tinkludi espożizzjoni tal-fatti."

27 Fis-27 ta' Marzu 2012, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C (2012) 1965 finali, li temenda d-Deċiżjoni C (2008) 2626 finali, tal-11 ta' Ġunju 2008, dwar proċediment skont l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/38.695 – Klorat tas-sodju) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"). Permezz tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni, fil-waqt li tfakkar il-fatti li wasslu għall-kawża u b'mod partikolari ċ-ċaħda mill-Qorti Ġenerali, fis-sentenza Uralita, punt 23 iktar 'il fuq (EU:T:2011:622), kompleta tar-rikors tar-rikorrenti kontra d-deċiżjoni tal-2008, ikkunsidrat li l-multa ta' EUR 9 900 000 li kienet ġiet imposta fuqha kienet inżammet. Madankollu, fil-premessi 8 u 9 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni indikat dan li ġej:

"(8) Minkejja l-fatt li l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors għal annullament ta' Uralita kontra d-deċiżjoni [tal-2008], madankollu l-Kummissjoni tqis xieraq, fid-dawl tal-annullament parzjali deċiż fis-sentenza Aragonesas [punt 17 iktar il fuq (EU:T:2011:621)], li tnaqqas it-tul tal-perijodu tal-ksur rigward Uralita sabiex iġġibu bħal dak imsemmi fis-sentenza Aragonesas [iċċitata iktar 'il fuq], jiġifieri tat-28 ta' Jannar 1998 sal-31 ta' Diċembru 1998.

(9) Barra minn hekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, u b'mod partikolari tad-dikjarazzjonijiet ta' Uralita li jinsabu fl-ittra tagħha tat-23 ta' Jannar 2012 […] u tal-fatt li Uralita diġà ħallset provviżorjament lill-Kummissjoni t-totalità tal-ammont tal-multa [imposta fid-deċiżjoni tal-2008,] fit-terminu stabbilit mid-deċiżjoni, il-Kummissjoni ddeċidiet li temenda d-deċiżjoni sa fejn hija ġiet adottata u nnotifikata lil Uralita, u dan:

a) billi tnaqqas it-tul tal-parteċipazzjoni fil-ksur sabiex iġġibu għall-perijodu ta' bejn it-28 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 1998; u

b) billi tistabbilixxi, skont l-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, multa li tikkorrispondi għat-tul ta' dan il-perijodu tal-ksur irrivedut u tal-ħlas li għalih ser tkun responsabbli Uralita."

28 Fir-rigward tal-kalkolu tal-ammont il-ġdid tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti, il-Kummissjoni applikat l-istess parametri bħal dawk li kienu ġew użati fid-deċiżjoni tal-2008, bl-eċċezzjoni tal-koeffiċjent ta' multiplikazzjoni li jirrelata mat-tul, li hija stabbiliet għal 0.91, sabiex jirrifletti l-iqsar żmien tal-perijodu tal-ksur.

29 Għal dak li jirrigwarda l-interessi li jirriżultaw mill-ammont tal-multa ta' EUR 9 900 000, imposta fid-deċiżjoni tal-2008, insegwitu għall-ħlas provviżorju tagħha mir-rikorrenti, il-Kummissjoni, fil-premessa 11 tad-deċiżjoni kkontestata, tqis li, "peress li l-Qorti Ġenerali kkonfermat il-parteċipazzjoni [tar-rikorrenti] fil-ksur għall-perijodu ta' bejn it-28 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 1998, hija kienet intitolata għall-interessi fuq l-ammont tal-multa stabbilita permezz ta' din id-deċiżjoni […] u għalhekk huma nżammu minnha".

30 Id-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata jaqra kif ġej:

"Artikolu 1

Id-deċiżjoni [tal-2008] hija emendata kif ġej:

1) Fl-Artikolu 1, il-punt (h) huwa ssostitwit bit-test segwenti:

'h) Uralita SA, mit-28 ta' Jannar 1998 sal-31 ta' Diċembru 1998.'

2) Fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2, il-punt (f) huwa ssostitwit bit-test segwenti:

'f) Uralita SA : EUR 4 231 000.'

Artikolu 2

L-interessi fuq l-ammont tal-multa ta' EUR 4 231 000 imħallsa provviżorjament li jiddekorru mis-16 ta' Settembru 2008 kienu tal-Kummissjoni.

Artikolu 3:

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil:

Uralita […]"

31 Fit-3 ta' April 2012, il-Kummissjoni rrimborsat lir-rikorrenti l-ammont ta' EUR 5 981 569. Dan l-ammont kien ikkalkolat abbażi tad-differenza bejn il-multa li tammonta għal EUR 9 900 000, imposta fid-deċiżjoni tal-2008 (iktar 'il quddiem il-"multa inizjali"), u l-multa li tammonta għal EUR 4 231 000, imposta fid-deċiżjoni kkontestata, flimkien mal-interessi applikabbli għal din id-differenza li jiddekorru mill-ħlas, provviżorju, tal-multa inizjali.

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

32 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-5 ta' Ġunju 2012, ir-rikorrenti ippreżentat dan ir-rikors.

33 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla l-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata, sa fejn dan jimponilha multa ta' EUR 4 231 000;

— tannulla l-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

34 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

35 Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti tqajjem żewġ motivi. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament Nru 1/2003. It-tieni motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 266 TFUE.

36 Il-Kummissjoni tikkontesta l-fondatezza taż-żewġ motivi mqajma mir-rikorrenti. Preliminarjament, essenzjalment, hija ssostni li r-rikors, sa fejn huwa bbażat fuq l-ewwel motiv, huwa inammissibbli, minħabba l-fatt li r-rikorrenti ma għandhiex interess li tikseb l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

Fuq l-ammissibbiltà

37 Il-Kummissjoni tikkontesta l-ammissibbiltà "tar-rikors ippreżentat mir-[rikorrenti], għal dak li jirrigwarda l-ewwel motiv". Għal dan il-għan, essenzjalment, fl-ewwel lok, hija ssostni li, l-ewwel nett, fil-kawża li wasslet għas-sentenza Uralita, punt 23 iktar 'il fuq (EU:T:2011:622), ir-rikorrenti la kienet qajmet motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament Nru 1/2003 u lanqas kienet ikkontestat it-tul tal-parteċipazzjoni ta' Aragonesas fil-ksur inkwistjoni u li, it-tieni nett, insegwitu għas-sentenza Uralita, punt 23 iktar 'il fuq (EU:T:2011:622), fl-assenza tal-appell ippreżentat mill-imsemmija sentenza, id-deċiżjoni tal-2008 tkun saret definittiva fir-rigward tar-rikorrenti, sa fejn hija timponi fuqha multa ta' EUR 9 900 000. Hija żżid li, fid-dawl tal-ġurisprudenza, hija ma kinitx obbligata li tgħin lir-rikorrenti bl-annullament parzjali tad-deċiżjoni tal-2008, stabbilita fis-sentenza Aragonesas, punt 17 iktar 'il fuq (EU:T:2011:621). Għalhekk, sa fejn id-deċiżjoni kkontestata ma tissostitwixxix iżda temenda biss lid-deċiżjoni tal-2008, minn naħa, il-motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament Nru 1/2003 huwa tardiv u għalhekk inammissibbli, min-naħa l-oħra, anki li kieku d-deċiżjoni kkontestata tkun annullata, ir-rikorrenti ma jkollha l-ebda benefiċċju mill-annullament tagħha, peress li d-deċiżjoni tal-2008 terġa' tapplika, hekk li tkun imposta fuqha multa li tammonta għal iktar minn dik li kienet ġiet imposta fuqha fid-deċiżjoni kkontestata. Għalhekk, ir-rikorrenti ma għandhiex interess li tieħu passi kontra d-deċiżjoni kkontestata.

38 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni ssostni li, l-ewwel nett, permezz tal-ittra tad-19 ta' Diċembru 2011, ir-rikorrenti espliċitament esprimiet, minn naħa, il-qbil tagħha dwar il-fatt li hija biss tkun meqjusa responsabbli mill-ħlas tal-multa li tista' tkun imposta fuqha għall-perijodu ta' bejn it-28 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 1998 u, min-naħa l-oħra, l-interess tagħha sabiex deċiżjoni li temenda d-deċiżjoni tal-2008 tkun adottata fl-inqas żmien possibbli u li, it-tieni nett, ir-rikorrenti ma allegatx il-ksur tal-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament Nru 1/2003 matul il-proċedura amministrattiva dwar id-deċiżjoni kkontestata. Konsegwentement, ir-rikorrenti ma tistax, issa, b'mod legali tallega interess sabiex id-deċiżjoni ta' emenda tiġi annullata.

39 Ir-rikorrenti ssostni li, essenzjalment, fid-dawl, minn naħa, tas-suġġett tar-rikors tagħha, jiġifieri talba għal annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata, sa fejn, skont l-Artikolu 1(2) tagħha, hija timponi fuqha multa ta' EUR 4 231 000, u, min-naħa l-oħra, tal-effetti legali fir-rigward tagħha tas-sentenza Aragonesas, punt 17 iktar 'il fuq (EU:T:2011:621), hija għandha interess li tieħu passi kontra l-imsemmija deċiżjoni kkontestata. Dan l-interess ma jistax jiġi kkontestat fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet tagħha li jissemmew fl-ittra tat-23 ta' Jannar 2012.

40 Preliminarjament, għandu jiġi osservat li, bħala risposta għal domanda tal-Qorti Ġenerali matul s-seduta, li tistedinha sabiex tispeċifika l-portata tal-kap imqajjem dwar l-inammissibbiltà, il-Kummissjoni indikat li l-imsemmi kap kien jirrigwarda l-ewwel motiv. Huwa fir-rigward ta' din l-ispeċifikazzjoni li għandu jiġi eżaminat il-kap tal-inammissibbiltà mqajjem mill-Kummissjoni.

41 F'dan ir-rigward, fir-rigward tal-ammissibbiltà ta' rikors għal annullament, skont ġurisprudenza stabbilita, tali rikors ippreżentat minn persuna fiżika jew ġuridika huwa ammissibbli biss sa fejn ir-rikorrent ikollu interess li jara li l-att ikkontestat jiġi annullat. Tali interess jippresupponi li l-annullament ta' dan l-att jista', bl-eżitu tiegħu, jipprovdi benefiċċju lill-parti li ppreżentat l-imsemmi rikors (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-13 ta' Lulju 2000, Il-Parlament vs Richard, C-174/99 P, Ġabra, EU:C:2000:412, punt 33; tal-10 ta' Settembru 2009, Akzo Nobel *et* vs Il-Kummissjoni, C-97/08 P, Ġabra, EU:C:2009:536, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tat-28 ta' Settembru 2004, MCI vs Il-Kummissjoni, T-310/00, Ġabra, EU:T:2004:275, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

42 F'dan il-każ, għandu jiġi osservat li l-Kummissjoni ssostni, essenzjalment, li r-rikorrenti ma għandhiex interess tikseb l-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata, abbażi tal-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament Nru 1/2003. Għalhekk, hemm lok li jiġi eżaminat il-kap tal-inammissibbiltà mqajjem mill-Kummissjoni kontra l-ewwel motiv fid-dawl tal-ġurisprudenza msemmija iktar 'il fuq.

43 Preliminarjament, l-ewwel nett, għandu jiġi osservat li, meta adottat id-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ddeċidiet, kif jirriżulta mill-premessi 8 u 9 ta' din tal-aħħar, li temenda d-deċiżjoni tal-2008 sabiex tgħin lir-rikorrenti permezz tal-effetti tas-sentenza Aragonesas, punt 17 iktar 'il fuq (EU:T:2011:621). Għal dan il-għan, hija ddeċidiet li tnaqqas, minn naħa, fl-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata, il-perijodu tal-ksur allegat fil-konfront tar-rikorrenti fid-deċiżjoni tal-2008, sabiex, kif jirriżulta mill-premessa 8 tad-deċiżjoni kkontestata, dan jaqbel ma' dak speċifikat fis-sentenza Aragonesas, punt 17 iktar 'il fuq (EU:T:2011:621), u, min-naħa l-oħra, fl-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata, l-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti fid-deċiżjoni tal-2008, sabiex, kif jirriżulta mill-premessa 9(b) tad-deċiżjoni kkontestata, huwa jikkorrispondi għat-tul tal-perijodu l-ġdid tal-ksur.

44 It-tieni nett, jirriżulta mill-konstatazzjoni li tissemma' fil-punt 43 iktar 'il fuq li d-deċiżjoni kkontestata, li tagħha hija destinatarja r-rikorrenti, tikkawżalaha preġudizzju, sa fejn hija, minn naħa, tikkritikaha talli pparteċipat, tul il-perijodu l-ġdid, fil-ksur inkwistjoni fid-deċiżjoni tal-2008 u, min-naħa l-oħra, timponi multa b'ammont ġdid meta mqabbla ma' dik imsemmija fid-deċiżjoni tal-2008. Issa, skont l-ewwel motiv, ir-rikorrenti hija intiża tikseb l-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata, sa fejn il-Kummissjoni kienet imponiet fuqha multa wara l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni stabbilit fl-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament Nru 1/2003. Fl-ebda każ, ir-rikorrenti ma tikkontesta l-legalità tal-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata, sa fejn huwa jistabbilixxi t-tul tal-perijodu tal-ksur allegat fil-konfronti tagħha bħalissa.

45 It-tielet nett, huwa paċifiku li l-ksur inkwistjoni f'dan il-każ huwa ksur uniku u kontinwu. Għalhekk, konformement mad-dispożizzjonijiet tat-tieni sentenza tal-Artikolu 25(2) tar-Regolament Nru 1/2003, it-terminu ta' preskrizzjoni, previst fl-Artikolu 25(1)(b) tal-imsemmi regolament, beda jiddekorri mill-ġurnata ta' meta l-ksur intemm. Fil-każ ineżami, fil-waqt li l-perijodu tal-ksur allegat fil-konfront tar-rikorrenti fid-deċiżjoni tal-2008 kien spiċċa fid-9 ta' Frar 2000, mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-perijodu l-ġdid tal-ksur allegat fil-konfront tar-rikorrenti fl-imsemmija deċiżjoni spiċċa f'data preċedenti, jiġifieri, kif irrikonoxxew il-partijiet bi tweġiba għal mistoqsija magħmulha mill-Qorti Ġenerali waqt is-seduta, fil-31 ta' Diċembru 1998.

46 Għalhekk, peress li, meta emendat it-tul tal-ksur inizjalment allegat fil-konfront tar-rikorrenti fid-deċiżjoni tal-2008, il-Kummissjoni stabbilixxiet data ġdida li minnha jibda jiddekorri t-terminu ta' preskrizzjoni, previst fl-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament Nru 1/2003, hija tiżbalja meta toġġezzjona

għall-fatt li r-rikorrenti, insostenn tar-rikors għal annullament, tqajjem l-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-imsemmi artikolu, meta r-rikorrenti ma kinitx qajjmitu fil-kawża li wasslet għas-sentenza Uralita, punt 23 iktar 'il fuq (EU:T:2011:622).

47 Ir-raba' nett, l-argument tal-Kummissjoni, skont liema, kieku d-deċiżjoni kkontestata kellha tiġi annullata, dan ikun ifisser li, sa fejn id-deċiżjoni tal-2008 kienet saret definittiva fir-rigward tar-rikorrenti, l-Artikolu 2(f) tagħha, sa fejn huwa jimponi multa li tammonta għal EUR 9 900 000, jibqa' fis-seħħ, hekk li r-rikorrenti ma tibbenefikax minn tali annullament, ma jistax jintlaqa'. Fil-fatt, mingħajr ma hemm lok li tittieħed deċiżjoni dwar il-kwistjoni jekk il-Kummissjoni kinitx obbligata tagħti lir-rikorrenti l-benefiċċju tal-effetti tas-sentenza Aragonesas, punt 17 iktar 'il fuq (EU:T:2011:621), kif ġie kkonstatat fil-punt 43 iktar 'il fuq, jirriżulta mill-motivi tad-deċiżjoni kkontestata li l-Kummissjoni ddeċidiet li tnaqqas it-tul tal-perijodu tal-ksur allegat fil-konfront tar-rikorrenti fid-deċiżjoni tal-2008.

48 Għalhekk, anki jekk jitqies li l-Qorti Ġenerali tilqa' r-rikors, abbażi tal-ewwel motiv, billi l-imsemmi motiv huwa dirett biss kontra l-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata, din tal-aħħar għalhekk tiġi annullata b'mod parzjali, unikament sa fejn tistabbilixxi l-ammont il-ġdid tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti fid-deċiżjoni tal-2008, u mhux sa fejn hija tistabbilixxi l-perijodu l-ġdid tal-ksur allegat fil-konfront tar-rikorrenti, perijodu li fid-dawl tiegħu tiġi evalwata l-preskrizzjoni tas-setgħa tal-Kummissjoni li timponi multa. Konsegwentement, ma hemmx lok li jiġi preżunt, sabiex tiġi evalwata l-ammissibbiltà tal-ewwel motiv, li sentenza ta' annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata, ibbażata fuq din tal-aħħar, ikollha l-effett li jerġa' jinħoloq l-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti fid-deċiżjoni tal-2008, fid-dawl tal-obbligu tal-Kummissjoni li tieħu l-miżuri li tinvolvi l-eżekuzzjoni ta' din is-sentenza, konformement mal-Artikolu 266 TFUE, f'dak li jirrigwarda, b'mod partikolari, is-setgħa tagħha li timponi multa fuq ir-rikorrenti fid-dawl tal-perijodu l-ġdid tal-ksur iddeterminat fl-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata (ara s-sentenza CAS Succhi di Frutta vs Il-Kummissjoni, T-191/96 u T-106/97, Ġabra, EU:T:1999:256, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata).

49 Minn dan isegwi li annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata, abbażi tal-ewwel motiv, jagħti lir-rikorrenti benefiċċju, fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 41 iktar 'il fuq. Għalhekk hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-ewwel motiv huwa ammissibbli.

50 Din il-konklużjoni ma tistax tiġi emendata fid-dawl tal-argument tal-Kummissjoni skont liema, permezz tal-ittra tad-19 ta' Diċembru 2011, ir-rikorrenti kienet espliċitament qablet mal-fatt li hija l-unika waħda responsabbli għall-ħlas tal-multa li tista' tiġi imposta fuqha, f'deċiżjoni li temenda d-deċiżjoni tal-2008, skont il-perijodu l-ġdid tal-ksur imsemmi. Fil-fatt, għal kuntrarju ta' dak li ssostni l-Kummissjoni, ma jirriżultax mit-termini tal-ittra tad-19 ta' Diċembru 2011 li r-rikorrenti kienet wasslet għal tali ftehim. Fl-imsemmija ittra, ir-rikorrenti tifformula l-osservazzjonijiet dwar il-konsegwenzi li l-Kummissjoni riedet tislet, insegwitu għas-sentenzi Aragonesas, punt 17 iktar 'il fuq (EU:T:2011:621), u Uralita, punt 23 iktar 'il fuq (EU:T:2011:622), b'mod partikolari fir-rigward tar-rimbors, li kien intiż għaliha, ta' minn tal-inqas parti mill-ammont tal-multa inizjali.

51 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi kkonstatat li, fl-ittra tat-23 ta' Jannar 2012, ir-rikorrenti informat lill-Kummissjoni li hija weħidha ser tieħu r-responsabbiltà ekonomika għall-ħlas ta' kull multa li ser tkun imposta fuqha skont deċiżjoni li temenda d-deċiżjoni tal-2008, insegwitu, minn naħa, tas-sentenza Aragonesas, punt 17 iktar 'il fuq (EU:T:2011:621), u, min-naħa l-oħra, tas-sentenza Uralita, punt 23 iktar 'il fuq (EU:T:2011:622).

52 Madankollu, skont il-ġurisprudenza, għalkemm ir-rikonoxximent espliċitu jew impliċitu tal-punti ta' fatt jew ta' liġi minn impriża matul il-proċedura amministrattiva quddiem il-Kummissjoni jista' jikkostitwixxi prova addizzjonali matul l-evalwazzjoni tal-fondatezza ta' rimedju ġudizzjarju, dan ma jistax jillimita l-eżerċizzju stess tad-dritt ta' azzjoni ġudizzjarja quddiem il-Qorti Ġenerali li persuna fiżika jew ġuridika għandha skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Fin-nuqqas ta' bażi legali li tistabbilixxi espressament dan, din il-limitazzjoni tikser il-prinċipji fundamentali tal-legalità u

tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża. Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li d-dritt għal rimedju effettiv u għal aċċess għall-qorti imparzjali huwa ggarantit mill-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea li, konformement mal-Artikolu 6(1) TUE, għandu l-istess valur ġuridiku bħat-trattati. Skont l-Artikolu 52(1) ta' din il-Karta, kull limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet rikonoxxuti minnha għandha tkun prevista mil-liġi (sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, Knauf Gips vs Il-Kummissjoni, C-407/08 P, Ġabra, EU:C:2010:389, punti 90 u 91).

53 Barra minn hekk, hemm lok li jiġi kkonstatat li l-fatt li r-rikorrenti, fl-ittra tat-23 ta' Jannar 2012, informat lill-Kummissjoni li hija weħidha ser tieħu r-responsabbiltà ekonomika għall-ħlas ta' kull multa li ser tiġi imposta fuqha minħabba fil-ksur inkwistjoni ma jistax jiġi interpretat fis-sens li hija rrinunzjat milli tagħmel użu mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament Nru 1/2003 fir-rigward tal-eventwali preskrizzjoni tas-setgħa tal-Kummissjoni li timponi fuqha tali multa. Fil-fatt, jirriżulta biss mit-termini tal-imsemmija ittra li r-rikorrenti kienet aċċettat li tieħu f'idejha r-responsabbiltà li tħallas eventwali multa imposta mill-Kummissjoni.

54 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li, fl-ittra tad-19 ta' Diċembru 2011, ir-rikorrenti kienet spjegat b'mod espliċitu li l-imsemmija ittra ma kellhiex impatt fuq is-sitwazzjoni legali tagħha.

55 Għalhekk, la t-termini tal-ittra tad-19 ta' Diċembru 2011 u lanqas dawk tal-ittra tat-23 ta' Jannar 2012 ma jistgħu jipprekludu lir-rikorrenti milli tikkontesta l-ammissibbiltà tal-ewwel motiv.

56 Fid-dawl tal-kunsiderazzjoni kollha preċedenti, hemm lok li l-kap tal-inammissibbiltà mqajjem mill-Kummissjoni kontra l-ewwel motiv bħala infondat jiġi miċħud u, għalhekk, jibqa' għaddej l-eżami ta' din il-kawża dwar il-mertu.

Fuq il-mertu

57 Fil-kuntest tal-ewwel motiv, ir-rikorrenti tilmenta li l-Kummissjoni, minn naħa, kisret l-Artikolu 25(1) tar-Regolament Nru 1/2003 meta hija imponiet fuqha multa ġdida wara l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni stabbilit fl-imsemmi artikolu u, min-naħa l-oħra, wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet, fl-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata, li żżomm l-interessi li ġew prodotti, mill-ħlas provviżorju tal-multa inizjali, mill-parti ta' din tal-aħħar ekwivalenti għall-ammont il-ġdid tal-multa stabbilit fl-Artikolu 1(2) tal-imsemmija deċiżjoni.

58 L-ewwel nett, iktar speċifikament, ir-rikorrenti ssostni li, bis-saħħa tal-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni naqqset il-perijodu tal-ksur fir-rigward ta' Uralita, hekk li l-imsemmi perijodu jikkorrispondi għal dak stabbilit mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza Aragonesas, punt 17 iktar 'il fuq (EU:T:2011:621), jiġifieri t-28 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 1998.

59 Issa, qabel kollox, konformement mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 25(2) tar-Regolament Nru 1/2003, peress li l-ksur inkwistjoni kien ikklassifikat bħala ksur kontinwu, it-terminu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin kien beda jiddekorri mill-31 ta' Diċembru 1998.

60 Sussegwentement, it-talba ta' klemenza tat-28 ta' Marzu 2003 ta' EKA kif ukoll id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2003 li tagħtiha, konformement mal-paragrafu 15 tal-Komunikazzjoni dwar il-komunikazzjoni tal-2002, immunità kundizzjonali ma jikkostitwixxux avvenimenti li jistgħu jinterrompu t-terminu ta' preskrizzjoni, konformement mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 25(3) tar-Regolament Nru 1/2003. Barra minn hekk, ir-rikorrenti tosserva li jirriżulta mill-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni, fir-rigward tal-imsemmija komunikazzjoni, li hija stabbilixxiet, bħala att li jinterrompi l-preskrizzjoni, l-ewwel talba għal informazzjoni. Għalhekk, fil-premessa 492 tad-deċiżjoni tal-2008, il-Kummissjoni kienet stabbilixxiet l-ewwel talba għal informazzjoni, li saret fl-

10 ta' Settembru 2004, bħala l-avveniment li jista' jinterrompi t-terminu fil-kawża inkwistjoni. Din il-prassi deċiżjonali ma kinitx tippermetti lill-Kummissjoni tinvoka f'dan il-każ tip ieħor ta' att, bħal deċiżjoni li tagħti immunità kundizzjonali, bħala att li jinterrompi l-preskrizzjoni.

61 Fl-aħħar nett, fl-assenza ta' kwalunkwe avveniment ieħor li jinterrompi l-preskrizzjoni, it-terminu ta' preskrizzjoni, stabbilit fl-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament Nru 1/2003, kien skada fil-31 ta' Diċembru 2003.

62 Konsegwentement, ir-rikorrenti tqis li, meta hija imponiet, fl-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata, multa skont it-tul tal-ksur imsemmi fl-Artikolu 1(1) tal-imsemmija deċiżjoni, il-Kummissjoni kisret l-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament 1/2003.

63 It-tieni nett, ir-rikorrenti ssostni li, peress li l-Kummissjoni kienet iddekadiet mid-dritt tagħha li timponi fuqha multa ġdida fid-deċiżjoni kkontestata, hija legalment ma setgħetx, fl-Artikolu 2 tal-imsemmija deċiżjoni, iżżomm l-interessi prodotti, mill-ħlas provviżorju tal-multa inizjali, mill-parti ta' din tal-aħħar ekwivalenti għall-ammont il-ġdid tal-multa stabbilit fl-Artikolu 1(2) tal-imsemmija deċiżjoni, jiġifieri EUR 4 231 000.

64 It-tielet nett, fir-replika tagħha, qabel kollox, ir-rikorrenti ssostni li, sabiex tiddeċiedi dwar il-kwistjoni jekk il-Kummissjoni kinitx iddekadiet mid-dritt tagħha, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 1/2003, li timponi fuqha multa u, għalhekk, jekk kinitx tista' żżomm l-interessi prodotti, mill-ħlas provviżorju tal-multa inizjali, mill-parti ta' din tal-aħħar ekwivalenti għall-ammont il-ġdid tal-multa stabbilit fl-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata, hemm lok li jiġi stabbilit jekk l-annullament parzjali tad-deċiżjoni tal-2008 fis-sentenza Aragonesas, punt 17 iktar 'il fuq (EU:T:2011:621), ipproduċiex effetti fil-konfronti tagħha. Għal dan il-għan hija ssostni li, sa fejn hija nżammet responsabbli flimkien u *in solidum* għall-ksur inkwistjoni, li jirriżulta biss mill-aġir li jikkostitwixxi ksur ta' Aragonesas, unikament minħabba l-influwenza determinanti li hija eżerċitat fuq din tal-aħħar u s-surroga fid-drittijiet u fl-obbligi ta' EIA, l-annullament parzjali tad-deċiżjoni tal-2008 fis-sentenza Aragonesas, punt 17 iktar 'il fuq (EU:T:2011:621), ipproduċa effetti fil-konfronti tagħha. Għalhekk, hija għandha tibbenefika minn eventwali preskrizzjoni tal-multa unika imposta flimkien u *in solidum* fil-konfronti tagħha u ta' Aragonesas.

65 Sussegwentement, ir-rikorrenti tqis li, peress li, fis-sentenza Aragonesas, punt 17 iktar 'il fuq (EU:T:2011:621), il-Qorti Ġenerali annullat kompletament il-multa li kienet imposta fuqha, fid-deċiżjoni tal-2008, flimkien u *in solidum* ma' Aragonesas, il-Kummissjoni imponiet fuqha, fid-deċiżjoni kkontestata, multa ġdida. Għalhekk, id-deċiżjoni kkontestata ser tkun suġġetta għar-regoli dwar il-preskrizzjoni kollha, hekk kif stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 1/2003.

66 Fl-aħħar nett, anki li kieku t-terminu ta' preskrizzjoni kien ġie interrott mid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2003 li tagħti l-immunità kkundizzjonata lil EKA, u b'teħid inkunsiderazzjoni tas-sospensjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni previst fl-Artikolu 25(6) tar-Regolament Nru 1/2003, il-multa imposta fid-deċiżjoni kkontestata kienet tkun ġiet preskritta wara l-iskadenza tat-terminu massimu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin, previst fl-Artikolu 25(5) tal-istess regolament.

67 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti kollha esposti insostenn tal-ewwel motiv.

68 Preliminarjament, il-Qorti Ġenerali tikkonstata li l-ewwel motiv huwa bbażat fuq żewġ ilmenti, li kull wieħed minnhom huwa bbażat fuq żball ta' liġi. Fir-rigward tat-tieni lment, jirriżulta mir-rikors li r-rikorrenti ma identifikatx id-dispożizzjoni legali li, skontha, inkisret mill-Kummissjoni sa fejn hija ddeċidiet, fl-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata, li żżomm l-interessi prodotti, mill-ħlas provviżorju tal-multa inizjali, mill-parti ta' din tal-aħħar ekwivalenti għall-ammont il-ġdid tal-multa stabbilit fl-Artikolu 1(2) tal-imsemmija deċiżjoni.

69 Madankollu, qabel kollox huwa xieraq li jiġi osservat li, fil-kuntest tat-tieni motiv, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 266 TFUE sa fejn, essenzjalment, meta ddeċidiet, fl-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata, li żżomm l-ammont tal-multa l-ġdida li hija imponiet fuqha kif ukoll l-interessi prodotti mill-imsemmija ammont, mill-ħlas provviżorju tal-multa inizjali, hija ma kinitx siltet il-konsegwenzi kollha mis-sentenza Aragonesas, punt 17 iktar ’il fuq (EU:T:2011:621).

70 Issa, b’risposta għal mistoqsija magħmula mill-Qorti Ġenerali waqt is-seduta dwar il-portata tat-tieni motiv, ir-rikorrenti rrikonoxxiet, kif kien jirriżulta mill-minuti tas-seduta, li l-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata kien jirrigwarda biss l-interessi prodotti mill-ammont il-ġdid tal-multa stabbilit fl-Artikolu 1(2) tal-imsemmija deċiżjoni. Għalhekk, it-tieni motiv għandu jiġi interpretat fis-sens li r-rikorrenti tikkontesta biss id-deċiżjoni tal-Kummissjoni, fl-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata, li żżomm l-interessi prodotti, mill-ħlas provviżorju tal-multa inizjali, mill-parti ta’ din tal-aħħar ekwivalenti għall-ammont il-ġdid tal-multa stabbilit fl-Artikolu 1(2) tal-imsemmija deċiżjoni.

71 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li t-tieni lment espost insostenn tal-ewwel motiv huwa identiku għall-motivi esposti mir-rikorrenti insostenn tat-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 266 TFUE. Għalhekk, qabel kollox, hemm lok li t-tieni lment tal-ewwel motiv jiġi interpretat fid-dawl tat-tieni motiv u, għal dan il-għan, li jiġi kkunsidrat li, fir-rigward tal-imsemmi lment, ir-rikorrenti tallega ksur tal-Artikolu 266 TFUE. Sussegwentement, fid-dawl tal-identità tas-suġġett tat-tieni lment tal-ewwel motiv u tat-tieni motiv, sa fejn huma t-tnejn intiżi li jikkonstataw ksur tal-Artikolu 266 TFUE, huwa xieraq li jiġu eżaminati flimkien. Fl-aħħar nett, essenzjalment, jirriżulta mit-termini tal-ewwel motiv li t-tieni parti tal-imsemmi motiv tistrieħ fuq il-konstatazzjoni tal-fondatezza tal-ewwel parti tiegħu. Fil-fatt, huwa biss sa fejn, skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni kienet iddekadiet mid-dritt tagħha li timponi fuqha multa b’ammont ġdid li l-interessi prodotti, mill-ħlas provviżorju tal-multa inizjali, mill-parti ta’ din tal-aħħar ekwivalenti għall-ammont il-ġdid tal-multa stabbilit fl-Artikolu 1(2) tal-imsemmija deċiżjoni nżammu illegalment mill-Kummissjoni. Konsegwentement, għandu jitqies li t-tieni motiv u t-tieni lment tal-ewwel motiv huma bbażati t-tnejn li huma, b’mod ekwivalenti, fuq il-konstatazzjoni minn qabel, ifformulata mill-Qorti Ġenerali, tal-fondatezza tal-ewwel parti tal-ewwel motiv.

72 Fir-rigward tal-ewwel ilment tal-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament Nru 1/2003, għandu jiġi osservat li dan huwa intiż, essenzjalment, biex jiġi kkonstatat mill-Qorti Ġenerali li l-Kummissjoni kienet iddekadiet mid-dritt tagħha li timponi multa fuq ir-rikorrenti.

73 Fl-ewwel lok, għandu jiġi osservat li l-ewwel parti tal-ewwel motiv jibbaża ruħu fuq il-premessa skont liema l-Qorti Ġenerali kienet, fis-sentenza Aragonesas, punt 17 iktar ’il fuq (EU:T:2011:621), annullat kompletament l-Artikolu 2(f) tad-deċiżjoni tal-2008, hekk li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kienet adottat deċiżjoni ġdida li timponi multa fuq ir-rikorrenti.

74 Din il-premessa tirriżulta żbaljata. Fil-fatt, jirriżulta espressament mit-termini tal-punt 2 tad-dispożittiv tas-sentenza Aragonesas, punt 17 iktar ’il fuq (EU:T:2011:621), li l-Qorti Ġenerali annullat l-Artikolu 2(f) tad-deċiżjoni tal-2008 “sa fejn huwa jistabbilixxi l-ammont tal-multa għal EUR 9 900 000”. Għalhekk, l-annullament tal-imsemmi artikolu tad-deċiżjoni tal-2008 huwa, minħabba fl-użu tal-espressjoni “sa fejn”, parzjali, peress li huwa limitat għall-ammont biss tal-multa stabbilita, u ma jirrigwardax id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li timponi multa.

75 Dan il-qari tal-Artikolu 2(f) tad-deċiżjoni tal-2008 huwa sostnut mill-motivi tas-sentenza Aragonesas, punt 17 iktar ’il fuq (EU:T:2011:621), li jissemmew fil-punti 247, 258, 302 u 303 tal-imsemmija sentenza, hekk kif iċċitati fil-punti 18 sa 21 iktar ’il fuq.

76 Konsegwentement, jirriżulta kemm mid-dispożittiv kif ukoll mill-motivi tas-sentenza Aragonesas, punt 17 iktar ’il fuq (EU:T:2011:621), li l-Qorti Ġenerali annullat l-Artikolu 2(f) tad-deċiżjoni tal-2008, unikament sa fejn il-Kummissjoni kienet hemmhekk stabbiliet l-ammont tal-multa. Fl-ebda każ il-Qorti

Ġenerali ma annullat l-imsemmi artikolu sa fejn il-Kummissjoni kienet iddeċidiet, abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, li timponi multa flimkien u *in solidum* fuq Aragonesas u fuq ir-rikorrenti.

77 Għal kuntrarju ta' dak li ssostni r-rikorrenti, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ma adottatx deċiżjoni ġdida li timponi fuqha multa. Fil-fatt, l-imsemmija deċiżjoni kellha bħala għan u effett li żżomm parzjalment il-multa inizjalment imposta fuq ir-rikorrenti fid-deċiżjoni tal-2008, li tammonta għal EUR 4 231 000, jiġifieri l-ammont indikat fl-Artikolu 1(1)(f) tad-deċiżjoni kkontestata. Għalhekk, sabiex tiġi evalwata l-fondatezza tal-ewwel parti tal-ewwel motiv, ibbażata fuq il-preskrizzjoni tas-setgħa tal-Kummissjoni li timponi multa fuq ir-rikorrenti, huwa xieraq li tittieħed inkunsiderazzjoni d-data li fiha l-Kummissjoni ddeċidiet li timponi l-multa fuq ir-rikorrenti, jiġifieri d-data tad-deċiżjoni tal-2008, jiġifieri l-11 ta' Ġunju 2008, u mhux id-data tad-deċiżjoni kkontestata li, kif jirriżulta minn din tal-aħħar, kellha bħala għan li tibbenefika lir-rikorrenti bl-effetti tas-sentenza Aragonesas, punt 17 iktar 'il fuq (EU:T:2011:621).

78 Fit-tieni lok, fir-rigward tat-terminu ta' preskrizzjoni stabbilit fl-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament Nru 1/2003, għandu jitfakkar li, skont l-imsemmi artikolu, moqri flimkien mal-Artikolu 23(2)(a) tal-istess regolament, is-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni li timponi l-multi fuq l-impriżi meta, deliberatament jew b'mod negliġenti, huma jiksru d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 101 TFUE hija suġġetta għal terminu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin.

79 Skont l-Artikolu 25(2) tar-Regolament Nru 1/2003, il-preskrizzjoni tiddekorri mill-ġurnata li fih twettaq il-ksur. Din l-istess dispożizzjoni tipprevedi li, għall-ksur kontinwu jew repetut, il-preskrizzjoni tiddekorri biss mill-ġurnata ta' meta jintemm il-ksur.

80 L-Artikolu 25(3)(a) tar-Regolament Nru 1/2003 jipprovdi li l-imsemmija preskrizzjoni hija interrotta minn kull att tal-Kummissjoni jew ta' awtorità tal-kompetizzjoni ta' Stat Membru għall-finijiet tal-investigazzjoni jew tal-prosekuzzjoni tal-ksur, jiġifieri, b'mod partikolari, talba għal informazzjoni bil-miktub tal-Kummissjoni, fejn l-interruzzjoni isseħħ fil-ġurnata meta l-att huwa nnotifikat lil mill-inqas impriża waħda jew assoċjazzjoni ta' impriżi li pparteċipaw fil-ksur.

81 Skont l-Artikolu 25(4) tar-Regolament Nru 1/2003, l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni tikkonċerna l-impriżi u l-assoċjazzjonijiet tal-impriżi "kollha" li pparteċipaw fil-ksur (sentenza tas-27 ta' Ġunju 2012, Bolloré vs Il-Kummissjoni, T-372/10, Ġabra, EU:T:2012:325, punt 201).

82 Fir-rigward tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 25(5) tar-Regolament Nru 1/2003, hija tipprovdi b'mod partikolari li l-preskrizzjoni terġa' tibda tiddekorri wara kull interruzzjoni.

83 F'dan il-każ, l-ewwel nett, huwa kostanti bejn il-partijiet li l-ksur inkwistjoni huwa ksur uniku u kontinwu. Għalhekk, konformement mad-dispożizzjonijiet tat-tieni sentenza tal-Artikolu 25(2) tar-Regolament Nru 1/2003, it-terminu ta' preskrizzjoni, previst fl-Artikolu 25(1)(b) tal-imsemmi regolament, jibda jiddekorri "mill-ġurnata ta' meta il-ksur intemm", jiġifieri, kif ġie kkonstatat fil-punt 45 iktar 'il fuq, mill-31 ta' Diċembru 1998. Fl-assenza ta' att li jinterrompi l-preskrizzjoni, it-terminu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin, imsemmi fl-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament Nru 1/2003, għandu, bħala prinċipju, jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2003.

84 It-tieni nett, għandu jiġi eżaminat jekk, kif sostniet il-Kummissjoni, it-terminu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin, previst fl-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament Nru 1/2003, kienx ġie interrott qabel il-31 ta' Diċembru 2003 permezz ta' att tal-Kummissjoni, fis-sens tal-Artikolu 25(3) tal-istess regolament.

85 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 25(3) u (4) tar-Regolament Nru 1/2003 li, meta impriża tkun ipparteċipat fil-ksur, jiġifieri, meta din l-impriża tiġi identifikata bħala tali fid-deċiżjoni kkontestata, l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni,

li tirriżulta min-notifika ta' att ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni lil mill-inqas impriża waħda (din l-impriża jew oħra) identifikata wkoll bħala li pparteċipat fil-ksur, topera fir-rigward tagħha. L-atti li jinterrompu l-preskrizzjoni għalhekk jipproduċu effetti *erga omnes* fir-rigward tal-impriżi kollha li pparteċipaw fil-ksur inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Bolloré vs Il-Kummissjoni, punt 81 iktar 'il fuq, EU:T:2012:325, punti 201, 205 u 211).

86 Fil-każ ineżami, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti hija identifikata fid-deċiżjoni kkontestata bħala li pparteċipat fil-ksur. Għalhekk, jekk jitqies li seħħ att li jinterrompi l-preskrizzjoni f'dan il-każ, dan għaldaqstant ikun applikabbli fil-konfront tar-rikorrenti.

87 Barra minn hekk, għandha tiġi indirizzata l-kwistjoni ta' jekk, kif issostni l-Kummissjoni, id-deċiżjoni tagħha tat-30 ta' Settembru 2003 li tagħti, konformement fil-paragrafu 15 tal-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni tal-2002, immunità kundizzjonali lil EKA għandhiex tikklassifika bħala att li jinterrompi l-preskrizzjoni, fis-sens tal-Artikolu 25(3) tar-Regolament Nru 1/2003.

88 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, minn naħa, li, skont il-ġurisprudenza, il-lista li tinsab fl-Artikolu 25(3) tar-Regolament Nru 1/2003 u introdotta bl-avverbju "b'mod partikolari" bl-ebda mod ma għandha tiġi interpretata bħala eżawrjenti u li din id-dispożizzjoni ma tissuġġettax l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni għal att innotifikat jew għal awtorizzazzjoni ta' spezzjoni bil-miktub (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2002, Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni, C-238/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, Ġabra, EU:C:2002:582, punti 141 u 162) u min-naħa l-oħra, li l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni li tikkostitwixxi eċċezzjoni meta pparagunata mal-prinċipju ta' preskrizzjoni ta' ħames snin, hija għandha, bħala tali, tiġi interpretata b'manjiera restrittiva (sentenza tad-19 ta' Marzu 2003, CMA CGM *et* vs Il-Kummissjoni, T-213/00, Ġabra, EU:T:2003:76, punt 484).

89 Barra minn hekk, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 25(3) tar-Regolament Nru 1/2003 li, sabiex il-preskrizzjoni tiġi interrotta fis-sens tal-imsemmi regolament, l-att tal-Kummissjoni għandu jkollu b'mod partikolari "[l-]għan ta' l-investigazzjonijiet jew proċeduri b'rispett ta' ksur".

90 Issa, fir-rigward tal-politika ta' klemenza implementata mill-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-programmi ta' klemenza jikkostitwixxu għodod utli fil-kuntest tal-ġlieda effikaċi sabiex jinkixef ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni u sabiex dan jintemm u jissodisfaw b'dan il-mod l-għan tal-applikazzjoni effettiva tal-Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE (sentenza tal-14 ta' Ġunju 2011, Pfleiderer, C-360/09, Ġabra, EU:C:2011:389, punt 25).

91 Bl-istess mod, skont il-Qorti Ġenerali, "il-programm ta' klemenza b'hekk isegwi għan ta' investigazzjoni, ta' repressjoni u ta' disważjoni tal-prattiki li jagħmlu parti mill-ksur l-iktar serju tal-Artikolu 101 TFUE" (sentenza tad-9 ta' Settembru 2011, Deltafina vs Il-Kummissjoni, T-12/06, Ġabra, EU:T:2011:441, punt 107).

92 Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet ukoll li l-għoti tal-immunità kundizzjonali jimplika l-ħolqien ta' status proċedurali partikolari, matul il-proċedura amministrattiva, favur l-impriża li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-punt 8 tal-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni tal-2002 li jipproduċi ċerti effetti ġuridiċi (sentenza Deltafina vs Il-Kummissjoni, punt 91 iktar 'il fuq, EU:T:2011:441, punt 114).

93 Kif jirriżulta mill-punti 103 sa 118 tas-sentenza Deltafina vs Il-Kummissjoni, punt 91 iktar 'il fuq (EU:T:2011:441), li jirrigwardaw il-programm ta' klemenza implementat mill-Kummissjoni, l-għoti lil applikant għall-klemenza ta' immunità kundizzjonali jikkontribwixxi għall-effiċjenza kompleta tal-imsemmi programm, sa fejn huwa intiż li jagħti trattament favorevoli lill-impriżi li jikkooperaw magħha fl-investigazzjonijiet dwar l-akkordji sigrieti dwar il-prattiki li jagħmlu parti mill-ksur l-iktar gravi tal-Artikolu 101 TFUE (sentenza Deltafina vs Il-Kummissjoni, punt 91 iktar 'il fuq,

EU:T:2011:441, punti 103 u 105). Huwa b'dan il-mod li, bi skambju għall-kooperazzjoni attiva u volontarja tagħhom fl-investigazzjoni billi jiffaċilitaw ir-rwol tal-Kummissjoni li jikkonsisti fil-konstatazzjoni u fit-twaqqif tal-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, dawn l-impriżi jistgħu jiksbu trattament favorevoli għal dak li jirrigwarda l-multi li kieku kienu jiġu imposti fuqhom, sakemm huma jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni tal-2002 (sentenza Deltafina vs Il-Kummissjoni, punt 91 iktar 'il fuq, EU:T:2011:441, punt 108).

94 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-paragrafu 8 tal-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni tal-2002 jipprovdi dan li ġej:

"Il-Kummissjoni ser tagħti lil impriża immunità minn kull multa li kieku kienet tkun imposta jekk:

a) l-impriża hija l-ewwel waħda li tressaq provi li, fl-opinjoni tal-Kummissjoni, jistgħu jippermettulha tieħu deċiżjoni biex twettaq investigazzjoni fis-sens tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament Nru 17, b'konnessjoni ma' kartell allegat li qiegħed jaffetwa lill-Komunità, jew

b) l-impriża hija l-ewwel waħda li tressaq provi li, fl-opinjoni tal-Kummissjoni, jistgħu jippermettuha ssib ksur tal-Artikolu [101 TFUE] b'konnessjoni ma' kartell allegat li jaffettwa l-Komunità."

95 Skont il-paragrafu 11(a) sa (ċ) tal-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni tal-2002:

"B'żieda mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti 8(a) u 9 jew fil-punti 8(b) u 10, kif xieraq, il-kondizzjonijiet kumulattivi li ġejjin għandhom jkunu milħuqa f'kull każ biex jikkwalifikaw għal xi immunità minn multa:

a) l-impriża tikkoopera bis-sħiħ, fuq bażi kontinwa u bi prontezza matul il-proċedura amministrattiva tal-Kummissjoni u tipprovdi lill-Kummissjoni kull prova li taqa' fil-pussess tagħha jew hija disponibbli għaliha li tirrelata mal-ksur issuspettat. B'mod partikolari, din tibqa' fid-dispożizzjoni tal-Kummissjoni biex twieġeb malajr għal kull talba li tista' tikkontribwixxi għad-determinazzjoni tal-fatti kkonċernati.

b) l-impriża ttemm l-involviment tagħha fil-ksur tal-liġi ssuspettat mhux aktar tard miż-żmien li fih tressaq il-provi taħt il-punt 8(a) jew 8(b), kif xieraq;

ċ) l-impriża ma ħadietx passi biex iġġiegħel impriżi oħra biex jipparteċipaw fil-ksur tal-liġi."

96 Fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 90 sa 95 iktar 'il fuq, għandu jiġi osservat li, qabel kollox, il-programm ta' klemenza jikkontribwixxi direttament għall-effiċjenza kompleta tal-politika tal-prosekuzzjoni tal-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni Ewropea, li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni. Sussegwentement, id-deċiżjoni li tingħata immunità kundizzjonali lill-applikant ta' klemenza tippermetti li tistabbilixxi li t-talba tiegħu tissodisfa r-rekwiżiti sabiex huwa jkun jista', skont il-proċedura amministrattiva, taħt ċerti kundizzjonijiet, jibbenefika minn immunità definittiva. Fl-aħħar nett, dan l-*istatus* proċedurali, mogħti lill-applikant ta' klemenza permezz tad-deċiżjoni li tingħatalu immunità kundizzjonali, jobbliga lill-persuna interessata, sabiex tkun tista' tibbenefika minn immunità definittiva, issegwi, sa l-adozzjoni mill-Kummissjoni tad-deċiżjoni definittiva, aġir li jissodisfa r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 11(1) sa (ċ) tal-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni tal-2002. Dan l-aġir tal-applikant għall-klemenza huwa kkaratterizzat b'mod partikolari minn obbligu, minn naħa, li jipprovdi lill-Kummissjoni b'kooperazzjoni totali, permanenti u rapida tul il-proċedura amministrattiva kollha u, min-naħa l-oħra, li jipprovdi lill-Kummissjoni bil-provi kollha fil-pussess tiegħu jew li għandu dwar il-ksur issospettat.

97 Konsegwentement, deċiżjoni li tipprovdi immunità kundizzjonali lil applikant għall-klemenza, sa fejn hija tagħti lil dan tal-aħħar tali *status* proċedurali, għandha karattru fundamentali sabiex tippermetti lill-Kummissjoni tinvestiga u tipproċedi kontra l-ksur issospettat. Għalhekk, hemm lok li jitqies li dan

l-att proċedurali adottat mill-Kummissjoni huwa intiż li jinvestiga jew jipproċedi kontra l-ksur, fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 25(3) tar-Regolament Nru 1/2003, u għalhekk jista' jiġi kklassifikat bħala att li jinterrompi l-preskrizzjoni. Kif huwa mfakkar fil-punt 85 iktar 'il fuq, tali att ta' interruzzjoni jipproduċi effetti *erga omnes* fir-rigward tal-impriżi kollha li pparteċipaw fil-ksur inkwistjoni.

98 Fir-rigward tal-konklużjoni bbażata fuq il-punt 97 iktar 'il fuq, għandu jiġi kkonstatat li, f'dan il-każ, il-preskrizzjoni, li bdiet tiddekorri, fir-rigward tar-rikorrenti, mill-31 ta' Diċembru 1998, ġiet interrotta erba' snin u disa' xhur iktar tard permezz tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2003 li tagħti immunità kundizzjonali lil EKA. Iż-żmien tal-preskrizzjoni, b'dan il-mod, beda jiddekorri minn żero, minn din id-deċiżjoni, u, ħdax-il xhar u għaxart-ijiem wara, reġa' ġie interrott permezz tat-talba għal informazzjoni tal-10 ta' Settembru 2004 tal-Kummissjoni, indirizzata b'mod partikolari lil Aragonesas. Iż-żmien tal-preskrizzjoni għalhekk reġa' beda jiddekorri minn żero, sal-adozzjoni, fil-11 ta' Ġunju 2008, jiġifieri tliet snin u disa' xhur iktar tard, tad-deċiżjoni tal-2008. Għalhekk, fir-rigward tal-konklużjoni msemmija fil-punt 77 iktar 'il fuq, skont liema huwa xieraq li tittieħed inkunsiderazzjoni d-data li fiha l-Kummissjoni ddeċidiet li timponi l-multa fuq ir-rikorrenti, jiġifieri mid-data tad-deċiżjoni tal-2008, jiġifieri l-11 ta' Ġunju 2008, din l-aħħar deċiżjoni, kif inżammet parzjalment fl-effetti tagħha, li tammonta għal EUR 4 231 000, dwar l-ammont tal-multa, permezz tad-deċiżjoni kkontestata, ġiet adottata fit-terminu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin previst fl-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament Nru 1/2003.

99 Min-naħa, din il-konklużjoni ma tistax tiġi kkontestata mill-argument espost mir-rikorrenti skont liema l-Kummissjoni identifikat, fil-premessa 492 tad-deċiżjoni tal-2008, l-ewwel talba għal informazzjoni tal-10 ta' Settembru 2004 bħala att li interrompa l-preskrizzjoni f'din il-kawża. Fil-fatt, il-fatt li l-Kummissjoni kienet semmiet dan l-att fid-deċiżjoni tal-2008 ma jistax ifixxkilha milli tistrieħ f'dan il-każ fuq att preċedenti, bħad-deċiżjoni tat-30 ta' Settembru 2003, li hija tqis bħala li jista' wkoll jinterrompi ż-żmien tal-imsemmija preskrizzjoni. Fil-fatt, jirriżulta b'mod espliċitu mit-termini tal-imsemmija premessa li t-terminu tal-preskrizzjoni kien, skont il-Kummissjoni, ġie interrott "iktar tard" fl-10 ta' Settembru 2004. Għalhekk, il-Kummissjoni bl-ebda mod ma kienet eskludiet li atti oħra preċedenti għat-talba għal informazzjoni tal-10 ta' Settembru 2004, bħad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2003 li tagħti l-immunità kundizzjonali lil EKA, kienu setgħu, huma wkoll, interrompew iż-żmien tal-preskrizzjoni.

100 Min-naħa l-oħra, kien żball li r-rikorrenti bbażat ruħha fuq il-prassi deċiżjonali li, skontha, kienet tipprevali sal-lum fid-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni sabiex issostni li din tal-aħħar kienet obbligata li taċċetta bħala att li jinterrompi l-preskrizzjoni l-ewwel talba għal informazzjoni li hija kienet indirizzat fl-10 ta' Settembru 2004 lil waħda mid-destinatarji tad-deċiżjoni tal-2008. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-motivi kollha esposti fil-punti 84 sa 97 iktar 'il fuq, il-fatt li jiġi kklassifikat att tal-Kummissjoni bħala att li jinterrompi l-preskrizzjoni jistrieħ fuq l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali bbażati b'mod partikolari, f'dan il-każ, fuq l-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 1/2003, kif interpretati l-aħħar mill-qorti tal-Unjoni. Għalhekk, il-prassi preċedenti tal-Kummissjoni, li fuqha tistrieħ ir-rikorrenti, ma tistax tfixxkilha, taħt l-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni, milli taċċetta tipi oħra ta' atti li jinterrompu l-preskrizzjoni minbarra l-ewwel talba għal informazzjoni.

101 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-motiv imqajjem mir-rikorrenti fir-replika, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 25(5) tar-Regolament Nru 1/2003, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 76 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, ir-rikors għandu b'mod partikolari jinkludi s-sunt tar-raġunijiet imressqa. Barra minn dan, skont ġurisprudenza stabbilita, indipendentement minn kull kwistjoni ta' terminoloġija, dan is-sunt għandu jkun ċar u preċiż biżżejjed sabiex jippermetti lill-konvenuta li tipprepara d-difiża tagħha u lill-Qorti Ġenerali li tiddeċiedi fuq ir-rikors, jekk ikun hemm bżonn mingħajr ma tintalab informazzjoni oħra. Fil-fatt, sabiex rikors ikun ammissibbli jeħtieġ li l-elementi essenzjali ta' fatt u ta' dritt li fuqhom dan huwa bbażat, joħorġu, tal-inqas fil-qosor iżda b'mod koerenti u li jinftiehem, mit-test tar-rikors innifsu, u dan sabiex ikunu ggarantiti ċ-ċertezza legali u amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja (ara s-sentenza tas-27 ta' Settembru 2006, Roquette Frères vs

Il-Kummissjoni, T-322/01, Ġabra, EU:T:2006:267, punt 208 u l-ġurisprudenza ċċitata). Dejjem skont ġurisprudenza stabbilita, kull motiv li ma huwiex artikolat b'mod suffiċjenti fir-rikors promotur għandu jitqies li huwa inammissibbli. Rekwiżiti simili huma meħtieġa meta lment jiġi invokat insostenn ta' motiv. Peress li tinvolvi eċċezzjoni ta' inammissibbiltà ta' ordni pubbliku, din l-inammissibbiltà tista' titqajjem *ex officio* mill-Qorti Ġenerali, jekk meħtieġ (ara s-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2005, Honeywell vs Il-Kummissjoni, T-209/01, Ġabra, EU:T:2005:455, punti 54 u 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

102 Fil-każ ineżami, għandu jiġi kkonstatat li bl-ebda mod ir-rikorrenti, fir-rikors, ma allegat, anki jekk fis-sostanza, ksur tal-Artikolu 25(5) tar-Regolament Nru 1/2003, sa fejn huwa jistabbilixxi terminu ta' preskrizzjoni massimu ta' għaxar snin li l-Kummissjoni għandha sabiex timponi multa. Għalhekk, kif issostni l-Kummissjoni, hemm lok li jiġi miċħud il-motiv imqajjem fl-istadju tar-replika, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 25(5) tar-Regolament Nru 1/2003, bħala li huwa inammissibbli.

103 Sussidjarjament, għandu jiġi kkonstatat li, fi kwalunkwe każ, l-imsemmi motiv huwa manifestament infondat. Fil-fatt, it-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin, stabbilit fl-Artikolu 25(5) tar-Regolament Nru 1/2003, beda jiddekorri mill-31 ta' Diċembru 1998 u kellu jiskadi, l-iktar kmieni, fil-31 ta' Diċembru 2008, fil-każ li kieku ma kienx sospiż konformement mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 25(6) tal-istess regolament. Issa, mingħajr ma kien hemm bżonn li jiġi kkalkolat it-terminu ta' tali sospensjoni eventwali, għandu jiġi kkonstatat li d-deċiżjoni tal-2008, kif inżammet, kif jirriżulta mill-punt 77 iktar 'il fuq, parzjalment fl-effetti tagħha, fejn l-ammont tal-multa tammonta għal EUR 4 231 000, permezz tad-deċiżjoni kkontestata, kienet adottata fil-11 ta' Ġunju 2008, jiġifieri iktar minn sitt xhur qabel il-31 ta' Diċembru 2008.

104 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal iktar 'il fuq, l-ewwel ilment tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud bħala infondat.

105 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li jissemmew fil-punt 71 iktar 'il fuq, li jirrigwardaw ir-relazzjoni bejn, minn naħa, l-ewwel ilment tal-ewwel motiv u, min-naħa l-oħra, it-tieni lment tal-ewwel motiv u t-tieni motiv, peress li l-ewwel ilment tal-ewwel motiv għandu jiġi miċħud bħala infondat, għandu, mingħajr għalhekk ma jkun hemm bżonn li tittieħed deċiżjoni dwar it-tieni lment tal-ewwel motiv jew it-tieni motiv, jiġi miċħud ir-rikors kollu kemm hu.

Fuq l-ispejjeż

106 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-rikorrenti tilfet, hemm lok li hija tiġi kkundannata għall-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Corporación Empresarial de Materiales de Construcción, SA, għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess u dawk tal-Kummissjoni Ewropea.

Martins Ribeiro Gervasoni Madise

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fis-6 ta' Ottubru 2015.

Firem